Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Numru. 1078/2005

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)
vs
Issa Isslam Tawfik Issa

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Issa Isslam Tawfik Issa, detentur tal-karta ta' l-identita numru 20380 (A), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Novembru 2005 u fil-jiem ta' qabel, f'appartament numru 34 sitwat f'Binja Buqana A, Triq it-Torri ta' l-Arlogg, Mtarfa, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, segha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' elf, mitejn, tlieta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (LM 1,223.62) ghad-dannu ta' Armando Drago;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bena, bidel, ghamel,ipposseda, biegh jew xtara xi apparat li bih seta' jikkonnetti kontra l-ligi ma sistema ta' telekomunikazzjoni;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputat iwiegeb hati ghall-akkuzi kollha; spjegatlu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni taghtu zmien xieraq sabiex jerga' jikkonsidra u ipposponiet il-kawza ghal dan l-iskop;

Meta regghet issejjhet il-kawza l-imputat baqa' isostni li ried iwiegeb li kien hati;

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni volontarja tal-imputat, issibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u dan wara illi rat l-Artikoli 17, 308, 309, 310 (1) (a), 298A, 28A u 28H tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija, kif ukoll il-fatt illi l-imputat ipprometta illi ser ihallas l-ammont dovut lil Armando Drago u ghalhekk ser tikkundanna lill-imputat misjub hati kif diga' intqal ghal tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin mil-lum;

Il-Qorti tikkundanna lill-hati ghall-multa ta' LM400;

Il-Qort tordna lill-hati sabiex fi zmien sitt xhur millum ihallas l-ammont kollu dovut minnu lil Armando Drago;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi ghal din is-sentenza sospiza u bl-konsegwenzi jekk jonqos li jhallas fiz-zmien stipulat;

Finalment il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 392A tal-Kap. 9 u tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti, jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------